MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2006

Numru 342/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ROLAND CASSAR**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**PHILIP-MARIO CHIRCOP**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Philip Mario Chircop, ta' 28 sena, bin Publius u Maria Dolores nee' Abela, imwieled tal-Pieta' nhar it-13 ta' Mejju, 1977, residenti fil-fond numru 26B, Triq l-Ajkla, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 134578 (M);

Akkuzat talli nhar it-12 ta' April, 2006, ghall-habta tal-10.45am, f'Xatt ic-Cangaturi, u/jew fi nhawi ohra, gewwa l-Marsa:

1. Ikkommetta serq ta' vettura tal-marka *Ford Fiesta*, bin-numru tar-registrazzjoni BHQ 063, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-Lm1,000.00 (elf lira maltin), u bix-xorta ta-haga misruqa, *ai termini* tal-Artikolu 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli saq vettura bin-numru tar-registazzjoni BHQ 063, fi triq jew post pubbliku, minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;
3. U aktar talli saq vettura bin-numru tar-registazzjoni BHQ 063, b'velocita' eccessiva, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, u/jew b'nuqqas ta' hila fis-sewqan, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, u/jew b'manjiera perikoluza;
4. U aktar talli saq jew ipprova jsuq jew xort'ohra kellu taht il-kontroll tieghu vettura bin-numru tar-registazzjoni BHQ , fi triq jew f'post pubbliku, meta ma kienx f'posizzjoni li jsuq minhabba xorb u/jw drogi, u dan bi ksur tal-Artikolu 15A, tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U fl-ahharnett talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, rrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, u 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikoli 15(1), u 15 A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta,
U kif ukoll l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Philip-Mario Chircop hati tal-akkuzi dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' zmien sentejn (2), sospizi ghal erba' (4)

snin, taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-*Probation,*, *ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre,* din l-istess Qorti qiegheda tornda l-iskwalifika tal-Licenzja tas-Sewqan tal-imputat ghal zmien tlitt (3) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------